MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Numru. 348/2004

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Nadia Lanzon)

**VS**

Spiridione Camilleri

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Spiridione Camilleri k/a il-one ta' 39 sena bin Nazzareno u Concetta nee' Zarb, imwieled il-Hamrun fid-29 ta' Marzu 1965 u residenti No2 St. Paul's Street

Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita' numru 0173465 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' Jannar 2004 ghall-habta ta' 00.55a.m gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbuga:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xort' ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti u cioe fuq PC440 Kenneth Vella Gregory, PC 626 Giancarlo Benetti u dan ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-ewwel akkuza u dan ai terminu tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi mill-istess Ufficjali tal-Pulizija imsemmija hawn fuq u dan ai termini tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkommetta hsara fuq l-uniformi ta' PC626 Giancarlo Benetti ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan ai terminu tal-Artikolu 325 (1c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Taht l-istess cirkostanzi, hin u lok volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hedded bi kliem lill-istess PC440 u PC626 ai termini tal-Artikolu 339 (1$^{e}$) kif

ukoll li minghajr ma darab, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra PC 440 u PC 626 u dan ai terminu tal-Artikolu 339 (1b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra milli taghti l-piena skond il-Ligi, tapplika s-solitu garanzija ai termini ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 29 ta’ April 2004 (esebit *a folio* 32 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2008 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat skuza ruhu ghall-akkadut mal-Pulizija u l-fatt li ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 95, 96, 325(1)(c), 338(ee) 338(dd), 339(1)(b) u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’

Malta issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------